MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1316/1998/1

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli u l-Avukat Dottor Suzanne Shaw fil-kwalita` taghhom bhala mandatarji specjali tas-socjeta` estera Paradruco Limited ta' Leeds, l-Ingilterra**

**vs**

**Surgiquip Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**
B’citazzjoni tas-17 ta’ Gunju, 1998 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi nomine ppremettew illi s-socjeta` konvenuta ghandha tghati lis-socjeta` attrici estera s-somma ta’ tnax-il elf u hamsa u sebghin Liri Sterlini u disa’ pence (£12,045.43) (sic), u dana kwantu ghall-£1,164.20, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93259 datata 5 ta’ Settembru, 1997 (Dok B); kwantu ghall-£8,770.98, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93275 datata 23 ta’ Settembru, 1997 (Dok “C”); kwantu ghall-£898.16 bilanc ta’ somma akbar, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93286 datata 10 ta’ Ottubru, 1997 (Dok “D”); u kwantu ghall-£1,212.09, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93312 datata 21 ta’ Novembru, 1997 (Dok.”E”), kollha rilaxxjati mis-socjeta` attrici estera a favur tas-socjeta` konvenuta, bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghal-pagament (Dok’ti. “F” u “G”), hija baqghet ghal kollox inadempjenti; illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut [recte: dovut] u ghaldaqstant fil-fehma tal-atturi huwa l-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u s-socjeta` attrici qieghda tippresenta kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni Affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dokument “X”); l-atturi nomine ghalhekk talbu li l-Qorti:-

1. tghaddi sabiex tiddecidi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta); u
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnax-il elf u hamsa u sebghin Liri Sterlini u disa’ pence (£12,045.43), fl-ekwivalent

taghha ta’ dina s-somma f’Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li tigi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, u dana kwantu ghall-£1,164.20, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93259 datata 5 ta’ Settembru, 1997 (Dok B); kwantu ghall-£8,770.98, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93275 datata 23 ta’ Settembru, 1997 (Dok “C”); kwantu ghall-£898.16 bilanc ta’ somma akbar, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93286 datata 10 ta’ Ottubru, 1997 (Dok “D”); u kwantu ghall-£1,212.09, import ta’ diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura numru X93312 datata 21 ta’ Novembru, 1997 (Dok.”E”), kollha rilaxxjati mis-socjeta` attrici estera a favur tas-socjeta` konvenuta; bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-24 ta’ April, 1998, kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta tidher ghas-subizzjoni.

B’nota tat-22 ta’ Lulju, 1998 s-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-prodott in vendita ma giex konsenjat “tajjeb” u bid-dokumenti kollha mehtiega ghall-uzu li ghaliha hu destinat.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, minhabba diversi nuqqasijiet da parti tad-ditta attrici, id-ditta esponenti soffriet danni kbar, li, f’kull kaz, ghandhom jigu pacuti ma’ kull somma li jista’ jkun dovut lis-socjeta` attrici, ghal-liema danni d-ditta esponenti qed tressaq kontro-talba.

Fil-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta gie premess illi s-socjeta` konvenuta dahlet fi ftehim mad-ditta attrici ghall-provista ta’ medicini fuq perjodu ta’ tlett snin, u bhala konsegwenza ta’ dan il-ftehim, dahlet f’committment mal-Gvern ta’ Malta biex, da parti taghha, tipprovdiha b’supply ta’ medicini; illi l-medicini li gew suppliti mid-ditta estera ma gewx akkompanjati bic-Certificate of Analysis u, ghalhekk, il-Gvern tardja (sic!) l-pagament u,

f'okkazzjonijiet, sahansitra ma riedx jaccetta konsenja; illi wkoll id-ditta attrici, wara certu zmien, waqfet tissupplixxi lid-ditta esponenti bil-medicini, u biex tonora l-ftehim li kellha mal-Gvern, id-ditta konvenuta irrikorriet ghand suppliers ohra; illi minhabba dan in-nuqqas tad-ditta estera, u sakemm id-ditta esponenti sabet supply iehor, ghadda hafna zmien, bil-konsegwenza li l-Gvern ta' Malta immulta lid-ditta esponenti penali minhabba late delivery; illi ghar-rifuzjoni ta' dawn il-penali u ghall-hlas tad-danni, tahti d-ditta attrici u ghandha taghmel tajjeb ghall-istess; u wara dan talbet li l-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta` attrici, minhabba l-agir taghha, hija responsabbli ghad-danni u ghall-penali inkorsi mis-socjeta` konvenuta;
2. tillikwida dawn l-istess danni u penali dovuti lis-socjeta` konvenuta, occorrendo b'opera ta' perit nominand; u
3. tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni u penali. Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` attrici.

B'nota tas-7 ta' Awissu, 1998 s-socjeta` rikonvenzjonata eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti huma frivoli u vessatorji kif ukoll huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu kollha skartati minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti, u dana kemm ghar-ragunijiet segwenti, kif ukoll kif jigi ppruvat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi assolutament ma huwiex minnu illi s-socjeta` attrici rikonvenzjonata naqset milli tikkonsenja l-merci minnha mibjugha lis-socjeta` rikonvenzjonanti fi stat tajjeb.
3. Illi fir-rigward tal-akkuza illi s-socjeta` attrici rikonvenzjonata naqset milli tikkonsenja l-merci bid-dokumenti kollha mehtiega, l-istess Dokument "H" esibit mill-istess socjeta` rikonvenzjonanti u minnha deskritta fl-Elenku tad-Dokumenti bhala "kopja tal-ftehim milhuq mad-ditta attrici" (ghalkemm l-istess dokument huwa intestat bil-kelma "QUOTATION") jindika car u tond illi "WE CANNOT SUPPLY A CERTIFICATE OF ANALYSIS".

4. Illi jekk is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti ghogobha tidhol f'xi ftehim iehor ma terzi, li bis-sahha tieghu dahlet ghal obbligi aktar oneruzi minn dawk illi gew assunti favur taghha mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata u ghalhekk minghajr ma hadet hsieb illi tikkawtela lilha nnfisha adegwatament sabiex tkun tista` tonora tali obbligi aktar oneruzi, dan zgur illi ma tistghax tahti ghalih legalment is-socjeta` attrici rikonvenzjonata.
5. Illi anke' f'kaz illi kellu jigi ritenut minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-kwotazzjoni esebita mis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti tikkostitwixxi kuntratt skond kif tippretendi l-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti, is-socjeta` attrici rikonvenzjonata ma kienetx aktar obbligata tkompli tissuplixxi lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti billi ai termini tal-istess il-pagamenti relattivi kellhom jigu effettwati fi zmien disghin (90) jum mill-wasla tal-merci u ghaldaqstant billi s-socjeta` rikonvenzjonanti kienet inadempjenti fir-rigward ta' dana l-obbligu essenzjali taghha l-istess kuntratt ghandu jigi kkunsidrat bhala illi gie ghal kollox iffrustrat minhabba l-agir abusiv tal-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti.
6. Illi minghajr l-ebda pregudizzju ghall-fuq eccepit, f'kull kaz is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti ghad trid tipprova d-danni illi allegatament sofriet htija tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata, u ma tista' ssir l-ebda tpacija skond kif tippretendi l-istess socjeta` rikonvenzjonanti kemm il-darba tali danni ghadhom ma gewx debitament likwidati

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-28 ta' April, 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro-talba taghhom, laqghat it-talba attrici kif ridotta u cioe` limitatament ghas-somma ta' tmint elef u hamsa u erbghin lira sterlina u tlieta u erbghin pence (£8045.43) (u dana wara n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fil-mori tal-kawza li biha rriduciet l-ammont pretiz), bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

***"Certificate of Analysis***

*Illi skond il-ftehim li kienu ghamlu l-partijiet (Dok H fol 23) jirrizulta li l-atturi kienu ghamlu kondizzjoni lill-konvenuti li "We cannot supply a certificate of analysis".*

*Fil-fatt, wara li Joseph Saliba, xehed erba' darbiet, fl-ahhar ammetta li l-lista ta' l-invoices outstanding ma kienx hemm kazijiet fejn l-atturi weghdhom li jibghatulhom certifikat u ma baghtuhx. Il-claim taghhom hi minhabba danni li soffrew ghal late deliveries u fejn kellhom jixtru il-prodott minn agenzija ohra billi l-atturi ma baghtulhomx il-prodott. Il-kwistjoni dwar ic-certifikati li ma baghtux tirriferi ghal konsenji ohrajn ta' qabel il-fatturi in kwistjoni.*

Il-konvenuti qed jissottomettu li kien hemm late deliveries billi huma ma setghux jipprovdu certificates of analysis lill-Gvern f'kazijiet ohra. Fuq dawn l-atturi ma jistghux ikunu responsabbli billi huma ma kienux intrabtu li jipprovdu dawn ic-certifikati.

**Late deliveries**

Mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, tal-medical stores, jirrizulta li l-penali li wehlu l-konvenuti kienet minhabba late deliveries u ma kienx hemm ksur ta' kondizzjonijiet ohra.

**Fatturi ohra**

Il-konvenuti ssottomettew li huma qed jitolbu danni mhux biss fuq il-fatturi li taghhom qed jitolbu hlas l-atturi fil-kawza odjerna, izda fuq fatturi ohrajn fejn kien hemm mhux biss delay imma anke l-prodotti ma kienux gew fornuti.

Dwar late deliveries imhabba nuqqas ta' certifikat, dan il-punt diga gie deciz. Il-kwistjoni l-ohra hija dwar nuqqas ta' delivery.

Il-konvenuti semmew li meta l-atturi ma fornuhomx bil-prodott, huma kellhom ifittxu supplier iehor. Huma sabu ohrajn bi prezz oghla u ghalhekk qed jitolbu d-differenza

fil-prezz. L-atturi ssottomettew li huma kienu waqfu jissupplixxu lill-konvenuti bil-prodott meta l-konvenuti waqfu mill-pagamenti ghax il-konvenuti kienu qed jippretendu li jibghatulhom ic-certificates of analysis haga li l-atturi ma kienux ntrabtu li jaghmlu.

***Tpacija***

*Inoltre l-konvenuti, anke kieku kellhom ragun, ma jistghux jitolbu t-tpacija billi l-ammont li qed jippretendu mhux likwidu u nkontestat.*
*In tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li "**il-kompensazzjoni** ssir 'ipso jure' u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex am(m)essi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.""*

**L-appelli tal-kontendenti.**

Mis-sentenza fuq riportata appellat is-socjeta` konvenuta kif ukoll sar appell incidentali mill-atturi nomine. Fl-appell ta' l-atturi dawn talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi waqt illi tikkonfermaha in kwantu irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll il-kontro-talba mressqa mill-konvenuti u laqghet it-talba attrici bl-interessi billi kkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' tmien t'elef u hamsa u erbghin liri sterlini u disa' pence (£8,045.09) (proprjament l-ammont kien ta' £8045.43), tikkonverti dana l-ammont f'liri Maltin skond ir-rata ta' kambju prevalenti fid-data tas-sentenza u cioe` fl-ammont ta' hames t'elef hames mija sitta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u tmenin centezimi (LM5,526.85).

Bir-rikors taghha tal-15 ta'Mejju, 2000 is-socjeta` konvenuta talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif fuq riportata, u jew tibghat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghad-decizjoni

skond il-ligi jew tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici, skond l-esitu ta' dan l-appell.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma principalment tlieta u cioe`:

1. In-nullita` tas-sentenza billi ma giex determinat l-ammont dovut f'liri maltin skond it-talba.
2. In-nullita` tas-sentenza nkwantu din iddecidiet 'extra petita' fuq l-inattendibilita` tal-konrto-talba.
3. In-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti li takkorda danni lill-appellanti.

**L-ewwel aggravji.**

Fic-citazzjoni attrici l-Qorti giet mitluba sabiex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi nomine s-somma ta' £12,045.43 "*fl-ekwivalent taghha ta' dina s-somma f'Liri Maltin skond ir-rata ta' kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li tigi moghtija*". Fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata, wara li gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro-talba taghhom, tghid semplicement "*tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.*"

Fl-ewwel aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti qed jinghad li l-fatt li l-ewwel qorti naqset li tikkonverti l-ammont dovut f'liri maltin skond it-talba, jgib in-nullita` tas-sentenza. Dan l-aggravju huwa marbut mal-appell incidentali maghmul mill-atturi nomine billi hemm qed issir talba biex tigi sanata din il-lakuna in kwantu l-ewwel qorti kienet cahdet talba maghmula mill-atturi nomine permezz ta' rikors a tenur ta' l-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in segwitu ghas-sentenza citata, u ghalhekk permezz tal-appell incidentali dawn qed jitolbu li l-ammont dovut skond is-sentenza jigi determinat f'munita maltija.

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-Artikolu 825 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li a tenur tieghu saret it-talba tal-atturi fuq imsemmija, ma jikkontemplax kazi ta' meta l-qorti tonqos li tiddecidi xi talba fic-citazzjoni. Dan l-artikolu jipprospetta biss kazi ta' zball ta' kalkolu li jkunu saru fis-sentenza u korrezzjoni ta' zbalji fil-kliem jew tibdil ta' espressjonijiet mhux cari uzat fis-sentenza. In-nuqqas ta' l-ewwel Qorti la hu zball ta' kalkolu u lanqas zball fil-kliem jew espressjonijiet uzati izda jammonta ghall-*ommissa decisione* billi l-ewwel Qorti naqset li tipprovdi fuq talba specifika kontemplata fic-citazzjoni. Minn dan in-nuqqas ma hemmx appell skond ma jipprovdi l-Artikolu 235 tal-Kap 12, biss il-parti interessata ghandha d-dritt li, fi zmien hmistax-il jum minn dak inhar tas-sentenza, titlob lill-qorti ta' l-ewwel grad li taqta' dik it-talba. It-talba tal-atturi nomine, ghalkemm bazata fuq premessi hziena, giet michuda kif fuq inghad u ghalhekk ghandu japplika t-tieni proviso ghall-Artikolu 235 fuq imsemmi fis-sens illi talba ghal-likwidazzjoni tal-ammont f'liri Maltin tista` ssir, f'kull zmien, permezz ta' citazzjoni *ad hoc*.

Dan premess izda ma jidhirx li dan in-nuqqas ghandu jwassal ghall-dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata. Fl-ewwel lok jidher li s-sentenza in kwistjoni tikkonforma mal-provvedimenti tal-Artikoli 218 u 219 tal-Kap 12 anke billi mill-parti dispositiva tas-sentenza jidher car li l-ewwel qorti iddisponiet mit-talba attrici u b'hekk ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont "*ridott*" li kien qed jigi mitlub ghalkemm dan l-ammont huwa espress f'munita barrannija. Inoltre l-provvedimenti ta' l-Artikolu 235 fuq citat juru li meta qorti tonqos li tiddecidi xi wahda mit-talbiet dan ma jgibx nullita` fis-sentenza.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud u ghall-istess ragunijiet fuq moghtija ser jigi michud l-appell incidentali tal-atturi nomine.

**It-tieni aggravju.**

Qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta appellanti li s-sentenza appellata hija nulla wkoll in kwantu l-ewwel qorti

ddecidiet fuq eccezzjoni, cioe "*l-inattendibilita` tal-kontro-talba, meta tali eccezzjoni ma inghatax mill-atturi rikonvenzjonati.*" Ghalhekk qed jinghad li l-ewwel qorti ppronunzjat ruhha fuq materja mhux in kawza, "extra petita".

Minn ezami tal-atti tal-kawza u s-sentenza appellata ma jidhirx li dan l-aggravju, kif propost, huwa gustifikat. Infatti jidher car mis-sitt eccezzjoni tal-atturi nomine li kienet qedha tigi kkonetestata l-validita` tal-kontro-talba in kwantu din kienet intiza sabiex issehh tpacija bejn il-krediti rispettivi tal-kontendenti. Jekk l-ewwel qorti waslitx ghall-konkluzzjoni gusta u legalment valida fuq d-dritt u l-effetti tal-kontro-talba hija kwistjoni ohra izda certament ma jistax jinghad li l-ewwel qorti ddecidiet "extra petita" meta cahdet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.

Dan premess din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar l-possibilita` ta' tpacija bejn il-kreditu tal-atturi nomine u dak allegat mis-socjeta` konvenuta u pretiz fil-kontro-talba huwa skorrett. Huwa minnu, kif qalet l-ewwel qorti, li t-tpacija ssehh 'ipso jure' u anke minghajr ma jafu d-debituri, "*hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed*"; infatti kif jghid is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1196 tal-Kap. 16 meta jigri hekk dawn "*jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.*" Issa fi proceduri ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma, dik is-somma tigi dovuta hekk kif tinghata s-sentenza. Ghalhekk jekk f'dawk il-proceduri tigi proposta kontro-talba, li wara kollox ghandha l-aspetti kollha ta' citazzjoni indipendenti, u bhala rizultat jkun jidher li l-konvenut huwa wkoll kreditur ta' l-attur, anke b'rispett lejn il-principju li ma ghandux jkun hemm multiplicita` ta' proceduri zejda bejn l-istess kontendenti, l-krediti reciproci ghandhom jigu pacuti. Il-principju enuncjat mill-ewwel qorti japplika biss meta ma ssirx kontro-talba u l-konvenut jippretendi li jpaci l-kreditu cert, likwidu u dovut tal-attur ma' ammont indeterminat.

Dan kollu huwa rifless f'dak li jinghad fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hija kontemplata l-procedura specjali ta' rikonvenzjoni. Infatti l-Art. 396 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

"*Fil-kawzi, l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jinghad hawn taht:*
*(a)* *meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew*
(b) *meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.*"

Fil-kaz in ezami jidher li kien hemm relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti konsistenti f'arrangament sabiex is-socjeta` konvenuta, wara li tottjeni minghand il-Gvern ta' Malta tenders ghall-provista ta' medicini, ggib l-istess merkanzija minghand is-socjeta` attrici. It-talba attrici hija ghal bilanc ta' prezz ta' din il-merkanzija hekk provduta izda s-socjeta` konvenuta, filwaqt li tikkontesta l-ammontar tal-kreditu, issotni li ma ghandhiex thallas dak kollu reklamat billi s-socjeta` attrici naqset mill-obbligi kuntrattwali taghha u b'hekk ikkawzat danni lis-socjeta` konvenuta. Il-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni li huma l-mertu tal-kontro-talba, ghandhom il-ghan li jpacu l-kreditu mitlub mill-attur jew igibu fix-xejn l-azzjoni attrici.

**It-tielet aggravju.**

Premess dak li nghad hawn fuq din il-qorti issa sejra tezamina l-fondatezza tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta. Qed jigi sottomess fir-rigward li l-ewwel qorti kienet skorretta meta cahdet il-kontro-talba u dana billi jirrizulta li kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta` attrici appellata meta din ma fornitx is-**Certificates of analysis** kif kienet obbligata li taghmel u inoltre kienet responsabbli ghad-dewmin fil-konsenja tal-merkanzija lilha ordnata.

Ghandu jinghad qabel xejn li d-dokument H a fol 23 ta' process ma huwiex il-bazi tal-kuntratt bejn il-kontendenti. Infatti dan lanqas ma jirrifletti n-negozju ta' bejn il-kontendenti mertu ta' din il-kawza. Minn ezami superficjali tal-erba' fatturi ezebiti mill-atturi flimkien mac-citazzjoni, jirrizulta li l-ammont hemm reklamati ma humiex relatati mal-merkanzija konsistenti f'TETRABENAZINE li

tissemma fid-dokument H. Jidher ghalhekk li dan id-dokument gie ezebit mis-socjeta` konvenuta, bhala "sample" tan-negozjati li din kellha mas-socjeta` attrici u xejn aktar. Ironikament dan id-dokument jghid li s-socjeta` attrici "**Cannot supply a certificate of analysis**" u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti skartat is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta dwar ir-responsabbilita` ghad-danni tas-socjeta` attrici minhabba li ma pprovdietx dan ic-certifikat. Izda minn ezami tad-dokumenti kollha ezebiti jirrizulta li f'okkazzjonijiet ohra koncernanti partiti ta' medicinali diversi li kienu jifformaw il-meritu ta' tenders u konsenji kif fuq inghad, is-socjeta` attrici kienet iddikjarat li kienet f'posizzjoni li tforni dawn l-istess certifikati. Ghalhekk jekk naqset milli taghmel dan u bhala konsegwenza s-socjeta konvenuta sofriet xi spejjes jew danni, is-socjeta` attrici ghandha taghmel tajjeb minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghha.

Dan stabbilit, izda, din il-Qorti tosserva li s-socjeta` konvenuta ma gabet ebda prova konkreta dwar in-nuqqas tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-provista ta' dawn ic-certifikati u lanqas ma jirrizulta in atti li l-istess socjeta` konvenuta sofriet xi danni proprju minhabba dan l-allegat nuqqas. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax takkorda ebda danni minhabba dan l-allegat ilment tas-socjeta` konvenuta.

Ghal kuntrarju jidher li kien hemm diversi okkazzjonijiet meta l-merkanzija, li s-socjeta` attrici kienet tintrabat li tikkonsenja f'perjodi stabbiliti, naqset li tasal "in tempo". Kien ghalhekk li s-socjeta` konvenuta, a tenur tal-kuntratt li kellha mal-Gvern ta' Malta, giet kostretta thallas penalitajiet "*for delay.*" Is-socjeta` attrici, konfrontata bid-dokumenti u xhieda tar-rappresentant tad-dipartiment koncernat, kif ukoll tar-rappresentanti tas-socjeta` konvenuta, baqghet kompletament siekta fuq din il-vertenza. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ilghala ma ghandhiex tati affidament lis-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti fis-sens li d-dewmien kien tort tas-socjeta` attrici u li bhala konsegwenza hija batiet danni.

Mid-dokumenti – **Payment vouchers** – ezebiti mis-socjeta` konvenuta appellanti jirrizulta li kien hemm 14 il-okkazzjoni meta giet imposta penali minhabba dewmien fil-konsenja tal-merkanzija u li b’kollox il-penali li giet imposta fuq is-socjeta` konvenuta kienet tammonta ghas-somma ta’ LM1369.58 kif jirrizulta mill-‘invoices” numru 191 u 172 (a fol 29 tal-process); 318 u 220 (a fol 117 tal-process); 190 u 187 (a fol 119 tal-process) 197 u 199 (a fol 120 tal-process); 198, 208 u 212 (a fol 121 tal-process) u 235, 218 u 236 (a fol 122 tal-process). Dan l-ammont qed jigi likwidat u dikjarat dovut lis-socjeta` konvenuta appellanti a tenur tal-kontro-talba tal-istess socjeta`.

Illi dwar spejjes ohra bhal ma huma spejjes ta’ vjaggar, kif ukoll danni minhabba d-diferenza fil-prezzijiet bejn dawk kwotati mis-socjeta` attrici u terzi li kellhom jigu avvicinati biex is-socjeta` konvenuta tibqa’ tonora l-‘commitments’ taghha vis-a-vis il-Gvern ta’ Malta ma ingiebet ebda prova konklusiva u ghalhekk dawn ma jistghux jigu akkordati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell incidentali tas-socjeta` attrici bl-ispejjes kontra taghha, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokaha in kwantu din cahdet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta appellanti, u billi filwaqt li tilqa’ l-istess kontro-talba, tillikwida d-danni dovuti lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata fis-somma ta’ elf tlett mija disgha u sittin lira maltin u tmienja u hamsin centezimu (LM1369.58) u tikkundanna lill-istess socjeta` attrici thallas dan l-ammont lis-socjeta` konvenuta appellanti. Fl-istess hin tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din ikkundannat lis-socjeta’ konvenuta appellanti thallas l-istess socjeta` attrici appellata s-somma ta’ tmien telef hamsa u erbghin liri sterlini u tlieta u erbghin pence (£8,045.43), salv dak li inghad hawn fuq dwar l-kompensazzjoni kif ukoll dwar l-konverzjoni ta’ dan il-kreditu skond il-ligi.

Dwar l-ispejjez din il-Qorti tipprovdi billi l-ispejjes kollha hlief tal-appell incidentali, inkluzi dawk tal-kontro-talba, kemm in prim istanza u ta’ dan l-appell, ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart mis-socjeta` attrici u tlett

kwarti mis-socjeta` konvenuta. L-ispejjes tal-appell incidentali tas-socjeta` attrici jibqghu a kariku tal-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------